# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 16**

**Citazzjoni Nru: 830/04 SM**

**Mario Fenech, f'ismu proprio kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` kummercjali Speedy Pit Stop Company Limited (C 34358), u Mary Balzan**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana illum Direttur Generali (Dwana)**

<u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell maghmul mill-intimat, Direttur Generali (Dwana), minn sentenza [is-sentenza appellata] tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fis-17 ta' Ottubru 2012 li permezz taghha, dik il-Qorti, filwaqt li laqghet l-eccezzjoni tal-intimat dwar in-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti Mary Balzan bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti, irrespingiet l-

eccezzjonijiet l-ohra kollha rimanenti tal-intimat u [1] ddikjarat li d-diesel in dizamina mhux suggett ghal qbid, konsegwentement [2] hassret u ddikjarat minghajr effett fil-ligi n-nota ta' qbid numru 43/2004, tat-13 ta' Settembru, 2004 u, [3] ordnat lill-intimat jirrilaxxa u jirrestitwixxi d-diesel minnu maqbud, bl-ispejjez rimanenti kontra l-istess Kontrollur.

Fatti

2. Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fit-3 ta' Settembru 2004, l-Ufficjali tad-Dwana ghamlu spezzjoni fil-petrol station tar-rikorrent maghrufa bhala *'Speedy Service Station'* gewwa Triq it-Torri f'tas-Sliema. L-Ufficjal tad-Dwana Philip Spiteri u s-*senior customs assistant* Emmanuel Bonnici elevaw erba' [4] kampjuni tad-diesel, ta' litru kull wiehed mill-imsemmija pompa tal-petrol gestita mir-rikorrent. Tlieta minn dawn il-kampjuni inzammew mid-dwana sabiex isiru t-testijiet kimici relattivi, filwaqt li l-kampjun l-iehor inghata lir-rikorrent. Wara li saru d-debiti analizi xjentifici kemm mill-analista tad-dwana Victor Sammut, kif ukoll mill-kumpanija indipendenti *Saybolt Malta*, irrizulta li l-prezenza tas-*solvent yellow 124* kienet fl-ammont ta' 0.6mg kull litru, rizultat li jindika li d-diesel in kwistjoni kien, almenu in parti[1], *duty free*. Konsegwenzjalment, fit-13 ta' Settembru 2004, giet elevata konsenja ta' diesel fl-ammont ta' 7,800 litru, li ghalihom inharget ircevuta bin-numru

[1] Skond ir-rapprezentant tal-kumpanija Saybolt Malta, David Gauci, dan l-ammont setgha jekwivali ghal circa 10% tad-diesel li nstab fit-tankijiet tar-rikorrent – fol.233

217/04. Din il-konfiska qeghdha tigi kontestata mir-rikorrent u tifforma l-meritu tal-odjerni proceduri.

Is-Sentenza Appellata

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha tas-17 ta' Ottubru 2012 abbazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:
>
> "1. Illi rizultat ta' spezzjoni ta' rutina kondotta mill-ufficcjali tad-Dwana fl-istazzjon tal-petrol tal-attur, "*Speedy Service Station*", numru 10, Triq it-Torri tas-Sliema, gew elevati erba' (4) kampjuni ta' "*diesel*";
>
> "2. Illi wara li dawn il-kampjuni gew analizzati rrizulta li kellhom il-prezenza ta' "*fiscal marker*", "*solvent yellow 124*" li jindika li d-"*diesel*" ezaminat kien "*duty free*", u dan allura kien qieghed jinbiegh bi ksur tal-artikolu 17 tal-Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> "3. Illi konsegwenza tas-suespost il-konvenut eleva sebat elef u tmien mitt, (7,800), litru "*diesel*" mill-pompa tal-atturi, u dan, permezz tal-mandat ta' qbid in dizamina, liema elevazzjoni hu issa l-meritu principali tal-azzjoni odjerna;
>
> "Ikkunsidrat:
>
> "Illi fir-rigward l-atturi jsostnu sintetikament is-segwenti:
>
> "1. Illi l-attur Mario Fenech li fiz-zmien tal-ispezzjoni kien jiggestixxi l-pompa in dizamina, jsostni li dejjem xtara d-"*diesel*" esklussivament min ghand il-Korporazzjoni EneMalta;
>
> "2. Illi fil-fatt l-ammont ta' "*diesel*" misjub fl-imsemmija spezzjoni mill-ufficcjali tad-Dwana jikkombacca mal-ammont mixtri mill-imsemmija Korporazzjoni;
>
> "3. Illi rigward il-kontaminazzjoni bil-"*fuel marker*" misjub wara l-analizi de quo, jallega li dan seta' sar meta "*diesel*" mixtri mill-Korporazzjoni gie mitfugh f'xi "*bowser*" li seta' kellu "*diesel*" "*duty free*";

“4. Illi di piu`, l-istess attur Fenech kien fil-perjodu de quo, ghadu kemm beda jiggestixxi l-pompa in kwistjoni;

“Ikkunsidrat:

“Illi l-Kontrollur konvenut kien hass li ghandu jikkonfiska d-“*diesel*” in dizamina ghaliex fl-analizi kondott kien irrizulta li effettivament id-“*diesel*” ezaminat kien “*duty free*” u ghalhekk kien qed jinbiegh bi ksur tal-ligi;
Ikkunsidrat:

“Illi pero`, ghandu jinghad li nonostante dan, l-istess Kontrollur konvenut naqas jissodisfa l-precett legali li minn jallega jrid jipprova u ghazel li jieqaf biss u jistrieh fuq ir-rizultanzi fizici lilu moghtija;

“Ikkunsidrat:

“Illi ghandu jkun pacifiku li s-“*solvent*” misjub fl-analizi de quo effettivament seta’ rrizulta minn kontaminazzjoni li setghet facilment sehhet kemm waqt il-fazi tad-distribuzzjoni tad-“*diesel*” fil-“*bowsers”* utilizzati kif ukoll, fl-istess post fejn jinhazen id-“*diesel*” fil-pompa – stante li l-attur Fenech kien ghadu kif jibda l-gestjoni tal-pompa de quo – u allura, ma kellu l-ebda kontroll fuq l-apparat tal-hazna wzat mill-gestur precedenti;

“Ikkunsidrat:

“Illi rigward it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenut Kontrollur rigwardanti l-interess guridiku tal-attrici Mary Balzan, ghandu jinghad li l-atturi ma ressqu l-ebda prova fir-rigward u konsegwentement, qed tilqa’ din l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut, bl-ispejjez kontra l-atturi;

“Illi mill-bqija, tenut kont tas-suespost u tad-dubju ragonevoli fuq indikat, din il-qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet l-ohra kollha rimanenti tal-Kontrollur tad-Dwana u filwaqt li takkolji t-talbiet attrici:”

L-Appell

4. L-intimat appella minn din is-sentenza b’rikors tas-6 ta’ Novembru 2012. L-aggravji tieghu jistghu jigu sintetizzati hekk: [1] illi l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-provi mressqa quddiemha [2] illi l-

ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-ligi, senjatament l-Artikoli 17(a)(b)(c), 25(1)(b) u 26(1) tal-Kap. 382.

5. Ghalhekk qed jitlob lil din il-Qorti sabiex joghogobha thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-eccezzjonijiet tieghu gew michuda u minflok, "tilqa' dan l-appell, filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-Qorti laqghet l-eccezzjoni preliminari rigwardanti l-interess guridiku ta' Mary Balzan, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti".

6. Permezz ta' risposta datata 21 ta' Novembru 2012, ir-rikorrent pro et noe wiegeb ghall-appell tal-intimat u ghar-ragunijiet hemmhekk esposti, talab lil din il-Qorti sabiex tirrespingi l-appell tal-intimat.

L-Aggravji

7. Permezz tal-ewwel gravam tieghu, l-intimat jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti interpretat hazin il-provi mressqa quddiemha, in kwantu t-testijiet xjentifici li saru indikaw b'mod konklussiv li d-diesel in kwistjoni kien *duty free*, u dan kien qieghed fil-petrol station gestita mir-rikorrenti bi ksur tal-Artikoli 17(a)(b)(c), 25(1)(b) u 26(1) tal-Kap. 382.

8. Jghid li jirrizulta wkoll mill-atti processwali li kien hemm

diskrepanza bejn l-ammont ta' diesel li r-rikorrent kien xtara minghand l-Enemalta u l-ammont ta' diesel li kien inbiegh, liema diskrepanza hija fl-ammont ta' 56 litru. Ir-rikorrent qatt ma gab prova li din id-diskrepanza kienet dovuta ghal xi fattur partikolari, kif lanqas ma gab xi prova li kien hemm kontaminazzjoni tad-diesel fornit lilu. Jghid ukoll li, ghalkemm ir-rikorrent gab prova li hu kien xtara ammont sostanzjali ta' diesel minghand il-Korporazzjoni Enemalta, ma kien hemm xejn x'jimpedih milli jitfa' diesel minn sorsi ohra fit-tankijiet tieghu. Jissenjala li jrrizulta car mix-xhieda ta' Joseph Camilleri, rapprezentant tal-imsemmija korporazzjoni, li l-bowsers tal-Korporazzjoni ma jgorrux *duty free fuel*, u l-Korporazzjoni ma tbieghx dan it-tip ta' fuel.

9. Ir-rikorrent iwiegeb ghal dan l-aggravju billi jghid illi huwa kien ghadu kemm ha l-gestjoni tal-pompa tal-petrol in kwistjoni u jsostni li hu kien gab provi "skjaccanti" li d-diesel kollu li kellu fir-rizervi tieghu kien xtrah minghand l-Enemalta. Prova ta' dan huma d-*daily sales* li hu kien jikkompila kull gurnata u l-fatturi tal-Enemalta li ma gewx kontradetti mill-intimat. Rigward id-diskrepanza ta' 56 litru bejn l-ammont mibjugh, l-ammont li nstab fir-rizerva u l-ammont mixtri minghand l-Enemalta, jissottometti illi, filwaqt li tali ammont huwa tassew negligibbli, huwa wkoll fatt maghruf li d-diesel jespandi u jirrestringi ruhu skont it-temperatura ambjentali. Fil-kaz odjern, il-qbid sar f'Settembru, xahar pjuttost shun, u ghalhekk hu probabbli li l-ammont awmenta fil-kwantita`

minhabba s-shana. Jghid li kieku huwa tefa' diesel minn sorsi ohra, zgur li d-diskrepanza kienet tkun hafna akbar.

10. Permezz tat-tieni aggravju tieghu, l-intimat jilmenta li l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-ligi, jigifieri tal-Artikoli 17(a)(b)(c), 25(1)(b) u 26(1) tal-Kap. 382, stante li d-*duty free diesel* li hu suggett ghad-dazju tas-Sisa ma setax ikun fil-pussess u jinbiegh mis-service station tar-rikorrent, peress illi din ma hijiex licenzjata li jkollha l-hazna ta' diesel bla dazju. Ghalhekk mill-provi jirrizulta li kien hemm evazjoni fil-hlas tat-taxxa tas-Sisa bi ksur tal-artikoli fuq citati.

11. Ir-rikorrent jilqa' ghal dan l-aggravju billi jissottometti illi n-normalita` tal-*yellow marker* f'diesel *duty free* hija ta' 6 mg per litre, filwaqt li l-ammont li rrizulta mit-testijiet kien ta' 0.6mg *per litre*. Din it-tenwita` tal-ammont misjub hija indikazzjoni qawwija li dak li qed isostni hu, jigifieri li saret xi tip ta' kontaminazzjoni, ghandha mis-sewwa. Jghid li, jekk saret din il-kontaminazzjoni, huwa ma ghandu ebda htija u ma jistax jigi penalizzat ghal xi haga li m'ghandux kontroll fuqha. Hi l-Korporazzjoni l-Enemalta li trid taghti spjegazzjoni dwar x'seta' gara. Ghalhekk dak li stabbiliet l-ewwel Qorti, jigifieri li l-intimat naqas milli jissodisfa l-precett legali li min jallega jrid jipprova, huwa gust u jimmerita konferma.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

12. Il-Qorti ser titratta flimkien dawn iz-zewg aggravji.

13. Fl-ewwel lok, huwa opportun li jigi ribadit li din il-Qorti, bhala qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-ewwel Qorti, sakemm ma jkunx jirrizulta li sar zball manifest li, jekk ma jigix rettifikat, parti tkun ser issofri ingustizzja. Ghalhekk, din il-Qorti xorta ghandha l-kompitu li tezamina l-fatti kollha tal-kaz bil-ghan li tistabbilixxi jekk mill-provi akkwiziti l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, f'liema kaz allura l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti tigi accettata minn din il-Qorti.

14. Fit-tieni lok, jigi osservat li huwa principju kardinali sancit fl-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li minn jallega fatt ghandu l-oneru tal-prova tal-fatt allegat minnu.

15. Fit-tielet lok, jigi osservat li l-artikolu relevanti, jigifieri l-Artikolu 17[1] tal-Att Dwar Dazju tas-Sisa jistipula s-sanzjoni tal-konfiska fic-cirkostanzi hemm indikati. Dan l-artikolu jaqra hekk:

"(1) Jekk oġġetti dazjabbli -

(a) jiġu depożitati jew jinħbew f'xi post bil-għan li ssir frodi kontra

> l-Gvern għar-rigward tad-dazju tas-sisa li għandu jinġabar bis-saħħa ta' dan l-Att; jew
>
> (b) jitneħħew b'mod klandestin jew mhux leġittimu minn jew 'il barra minn xi maħżen tas-sisa jew xi post fiż-żgur li fihom dawk l-oġġetti dazjabbli jkunu ġew debitament depożitati; jew
>
> (ċ) wara li jkunu ġew konsenjati minn xi maħżen tas-sisa jew xi post fiż-żgur ieħor fejn ma jsirx ħlas ta' dazju sabiex jittieħdu f'xi post li jkun awtorizzat mill-Kummissarju, dawk l-oġġetti ma jiġux debitament konsenjati f'dak il-post; jew
>
> (d) jiddaħħlu Malta u ssir evażjoni mill-ħlas tad-dazju tas-sisa, jew isir attentat biex issir dik l-evazjoni,
>
> "f'kull każ bħal dan, dawk l-oġġetti dazjabbli jiġu konfiskati, flimkien mal-oġġetti l-oħra kollha li jkunu jinsabu ppakkjati magħhom, jew li jkunu ġew użati biex jaħbuhom, u min jagħmel ir-reat jeħel iktar minn hekk il-pieni stabbiliti fl-artikolu li jiġi minnufih qabel dan l-artikolu."[2]

16. Jirrizulta ghalhekk illi mas-sejba ta' kwalsiasi oggett dazjabbli li fuqu ma tkunx giet imhallsa t-taxxa tas-Sisa kif jipprovdi l-Kap. 382, il-konfiska tal-imsemmija oggetti tiskatta *ex lege* u hija mandatorja.

17. Fil-meritu, din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li jirrizultaw mhux kontradetti tlett elementi ta' prova, jigifieri li [1] il-pompa tal-petrol gestita mir-rikorrent ma kinitx munita b'licenzja sabiex jinzamm fiha diesel mhux dazjabbli, [2] li d-diesel li fuqu saru t-testijiet xjentifici kien fit-tankijiet tal-petrol station gestita mir-rikorrent, [3] li mir-rizultanzi xjentifici rrizulta li dak id-diesel kellu 0.6 mg kull litru solvent yellow 124 li juri li 10% tad-diesel kien mhux dazjabbli u li ghalhekk ma kellux ikun fil-pompa tar-rikorrent u, [4] li fit-tankijiet tal-pompa instab li kien hemm kwantita` ta' diesel fl-ammont ta' circa 56 litri aktar minn dak li jirrizulta li r-rikorrent

---

[2] Sottolinear tal-Qorti

kien xtara minghand l-Koporazzjoni Enemalta.

18. Il-prova ta' dawn l-fatti, partikolarment tal-fatt li d-diesel de quo kien instab fit-tankijiet tal-pompa tal-petrol gestita mir-rikorrent, titfa' fuq ir-rikorrent il-piz kollu tal-prova tal-fatt allegat minnu li fit-tankijiet kien hemm biss diesel mixtri mill-Korporazzjoni Enemalta u li, allura, skont hu, dak li seta' sehh kienet kontaminazzjoni bid-diesel mhux dazjabbi, li setghet sehhet jew meta d-diesel kien intefa' fil-bowser tal-imsemmija Korporazzjoni li kien issuplixxa lir-rikorrent, jew minn xi diesel li seta' kien ghad baqa' fit-tankijiet tal-pompa meta hu kien ghadu kif assuma l-gestjoni tal-pompa tal-petrol.

19. Illi r-rikorrent naqas milli jressaq prova sodisfacenti li avveraw dawn ic-cirkostanzi jew almenu wahda minnhom. Anzi l-provi li tressqu juru l-kuntrarju.

20. Mill-provi jirrizulta li l-bowsers tal-Korporazzjoni ma jgorrux diesel mhux dazjabbli, u ghalhekk ma setghetx saret kontaminazzjoni minhabba xi residwu li seta' kien baqa' fil-bowser meta dan kien qed jintela' bid-diesel mill-Koporazzjoni. Ir-rikorrent ma ressaq ebda prova, bhal per ezempju s-sewwieq tal-bowsers jew min jimla l-bowsers, bhala xhieda sabiex jipprova l-allegazzjoni tieghu. Barra minn hekk, din it-tezi

tieghu hija kontradetta mir-rapprezentant tal-Korporazzjoni[3] li xehed b'mod kategoriku li l-bowsers tal-Korporazzjoni ma jgorrux diesel mhux dazjabbli u li mill-1 ta' Awissu sal-ahhar ta' Settembru 2004, u ghalhekk fiz-zmien relevanti, il-konsenji tad-diesel li kienu saru ghall-pompa tar-rikorrent marru dirett ghandu u, ghalhekk ma kienx hemm intermedjarju li seta' uza bowser li kellu fih diesel mhux dazjabbli.

21. Rigward il-possibilita` li seta' kien hemm ammont ta' diesel mhux dazjabbli fit-tankijiet meta hu ha f'idejh il-gestjoni tal-pompa, din il-Qorti fl-ewwel lok tosserva li kien jispetta lilu li, qabel ma jibda jiggestixxi l-pompa tal-petrol jaccerta ruhu li kollox kien in regola u jiehu dawk il-passi necessarji biex jibda l-gestjoni tan-negozju tieghu bl-aktar mod trasparenti. Fit-tieni lok, u b'aktar emfasi tosserva li din il-possibbilita` tinsab newtralizzata kemm mix-xhieda ta' David Spiteri, prodott mir-rikorrent, kif ukoll mix-xhieda tal-istess rikorrenti li kkonferma li meta hu ha f'idejh il-gestjoni tal-pompa tal-petrol huwa kien ha hsieb biex inaddaf it-tankijiet. Jirrizulta li dan ix-xoghol kien sehh minn certu Polidano inkarigat mir-rikorrent ghal dan l-iskop, u ta' dan ix-xoghol ir-rikorrent kien hallas Lm30.[4] Ghalhekk anke din it-tezi mressqa mir-rikorrent sabiex jipprova jispjega ghaliex mad-diesel li nstab fil-pussess tieghu kien hemm diesel mhux dazjabbli, hija fattwalment insostenibbli, anzi hi newtralizzata mill-provi tieghu stess.

---

[3] Dep. Joseph Camilleri – foll.60 *et seq.*
[4] Dep. Rikorrent – fol.225. Vide ukoll ricevuta [dok.CA1] - fol.223

22. Fl-ahharnett, dwar id-diskrepanza ta' circa 56 litru ta' diesel fit-tankijiet de quo, bejn dak li kien xtara minghand il-Korporazzjoni u dak li kien ghad baqa' fit-tankijiet, l-ispjegazzjoni teknika li pprova jaghti r-rikorrent mhijiex sostnuta mill-provi. Barra minn hekk hemm il-konsiderazzjoni li, probabbilment, dak l-ammont kien akbar tenut kont tal-konsiderazzjonijiet li miz-zmien li kienu saru l-konsenji precedenti r-rikorrent kompla bil-bejgh tad-diesel li kellu fit-tankijiet.

23. Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti fir-rigward. Ma tistax taqbel ma' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn jinghad li "l-istess Kontrollur konvenut naqas [milli] jissodisfa l-precett legali li min jallega jrid jipprova u ghazel li jieqaf biss u jistrih fuq ir-rizultanzi fizici lilu moghtija". Din il-Qorti tosserva li, ladarba gie xjentifikament konstatat u mhux kontradett li r-rikorrent kellu fil-pussess tieghu ammont ta' diesel mhux dazjabbli, l-intimat ma kellu jipprova xejn aktar u, fic-cirkostanzi l-ispjegazzjoni sostnuta bi provi sodisfacenti ghal dan il-fatt kienet tispetta lir-rikorrent, haga li dan naqas li jaghmel. Il-prova li sehhet kontaminazzjoni kienet tispetta lir-rikorrent u l-intimat ma kellu ebda obbligu li jaghti xi spjegazzjoni tal-prezenza tad-diesel mhux dazjabbli fit-tankijiet tar-rikorrent.

24. Ghaldaqstant dawn l-aggravji huma gustifikati u qed jigu milqugha.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjez a kariku tar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df